



# F'għeluq il-ħmistax-il sena mill-wasla ta' l-istatwa ta' San Gabriel 1993 – 2008

*Tagħrif mogħti minn*

**Joseph Spiteri**

Il-ħsieb oriġinali li jkollna l-istatwa ta' San Gabriel nibet meta qabel l-1993 waqt il-marċ ta' l-aħħar tridu konna mmexxu fuq karru l-istatwa ta' Ġuditta, liema statwa tintrama fuq pedestall maestuż biswit il-knisja.

Dan minbarra li rajna wkoll din l-idea f'diversi festi f'irħula oħra madwar Malta. Fl-1993 is-Soċjetà żanżnet l-istatwa l-ġdida ta' San Gabriel.

Il-ħsieb u l-inizjattiva biex issir din l-istatwa u jinġabru l-fondi kien f'idejn Gabriel Pullicino (RIP) li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju. Kienu diversi membri, benefatturi u partitarji li kkontribwixxu għal din l-opra.

Ġie avviċinat l-istatwarju magħruf Għawdxi l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi biex jinkariga ruħu għal din il-biċċa xogħol. Sar id-disinn mill-artist kif ukoll ġie miftiehem il-prezz għal din l-istatwa li dak iż-żmien l-ispiża laħqet il-Lm500.

Sakemm tlestiet l-istatwa saru diversi alterazzjonijiet fuq pedestall li fuqu kienet tintrama l-istatwa tal-Papa Alessandru, biex seta' jiġi addattat għall-istatwa l-ġdida. Dan il-pedestall ġie miżjud u restawrat bi skultura ġdida. Kienu diversi nies li offrew l-għajnuna fosthom Alfred Muscat, Valent Azzopardi (RIP), Ġużeppi Calleja (RIP) u Lino Ciappara.



*1993 - Is-sena meta waslet l-istatwa ta' San Gabriel - Ritratt tal-Kumitat (1993-1994) mix-xellug: Thomas Pirotta, Ian Muscat, Adrian Melbourne, Noel Vella, Jesmond Agius, Guido Borg (President), l-istatwarju l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, l-awtur ta' l-istatwa Gabriel Pullicino RIP (Segretarju), John Pullicino (Kaxxier), Ġużeppi Calleja (RIP), Joe Attard, Alfred Muscat, Duminku Muscat u Ġeraldu Ebejer (RIP).*



*Diversi persuni jippużaw quddiem l-istatwa l-ġdida qabel ma nbeda l-marċ mill-Banda San Gabriel f'tarf ir-raħal. Mix-xellug: Lino Borg (President attwali tas-Soċjetà), Jesmond Agius, Norbert Borg, Noel Vella, Karmenu Micallef, Ian Muscat u Joe Attard.*



*L-istatwa ta' San Gabriel tiġi mtellgħa permezz ta' grabja. Tidher titpoġġa fuq pedestall maestuż li jintrama biswit is-sede tas-Soċjetà - Festa 1993.*



*Il-Pedestall ta' l-Anġlu armat fil-ġnien biex jiġi ppreservat wara li sarulu l-alterazzjoni meħtieġa ftit xhur qabel il-festa tal-Lunzjata 1993.*



*Il-Bradella fi stadju fejn qed tiġi ndurata. Permezz ta' din il-bradella l-istatwa ta' San Gabriel ħadet dehra aktar impekkabbli fuq din l-Bradella. Ħadmu fost l-oħrajn: Vicol Brincat, Gabriel Pullicino (RIP), Geraldu Ebejer (RIP), Valent Azzopardi (RIP) u Ġużeppi Calleja (RIP).*

Wara ħafna stennija waslet id-data meta l-istatwa nġiebet Ħal Balzan għall-ewwel darba, dan kien it-Tlieta 6 ta' Lulju, 1993, mill-Fgura għal Ħal Balzan. Poġġejna l-istatwa l-ġdida fuq il-vann ta' Joe Attard ex-kaxxier tas-Soċjetà akkumpanjat b'diversi karozzi jdoqqu l-ħornijiet fost l-entużjażmu tal-partitarji tas-Soċjetà. Kien f'din is-sena wkoll li mexxejna din l-istatwa fil-marċ ta' l-aħħar tridu.

F'dik il-ġurnata stess meta waslet l-istatwa ġdida ġie organizzat marċ mill-banda San Gabriel minn tarf ir-raħal, fejn daqqet diversi marċi brijużi tul it-Triq il-Kbira sal-każin fost briju mill-aqwa.

Fl-1994 inħadem pedestall u bradella flimkien mal-bsaten biex ikun aktar komdu biex jintrefa' mir-



*L-istatwa ta' San Gabriel tinġarr mir-reffiegħa fil-festa tal-Lunzjata 2001, fi tmiem il-marċ ta' l-aħħar tridu. Ta' kull sena tkun ta' stennija għall-Balzanin biex isegwi dan il-marċ bl-akkumpanjament ta' l-istatwa ta' San Gabriel.*

reffiegħa. Gabriel Pullicino (RIP) ħa ħsieb jagħmel ix-xogħol tal-forom bil-*Fibre* filwaqt li l-Imgħallem Victor Brincat kien fdat bix-xogħol ta' l-injam bl-għajnuna ta' Valent Azzopardi (RIP) u Ġeraldu Ebejer (RIP). Ġużeppi Calleja (RIP) għamel xi xogħol tal-ħadid filwaqt li Alfred Muscat ħa ħsieb l-induratura. Żgur li x-xogħol ta' dan il-pedestall sebbaħ aktar lil din l-istatwa.

Fis-sena 2001, is-Sinjura Jane Callus ħadmet girlanda tal-ganutell għal ma' din l-istatwa kif ukoll il-ġilju li għandu f'idejh dan l-anġlu, liema xogħol is-sinjura Callus ħadmet b'xejn.

Huwa fatt magħruf li l-akkumpanjament ta' din l-istatwa fil-marċ ta' l-aħħar hija stennija ta' kull sena fil-festa tal-Lunzjata minn diversi Balzanin. Din l-istatwa tinġarr tul il-marċ kollu fuq l-ispallejn. Malli l-marċ jasal fejn is-sede tas-Soċjetà l-istatwa tiġi mtellgħa fuq il-pedestall biswit il-każin permezz tal-grabja fost il-briju tal-partitarji kif ukoll id-daqq ta' l-innijiet iddedikati lil San Gabriel.

Illum ħmistax-il sena wara nħasset il-ħtieġa li jsir xi restawr lil din l-istatwa. Ġie miftiehem li għal dan ix-xogħol għandu jiġi fdat f'idejn l-istatwarju oriġinali l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.



*Il-Manager tal-Mid Med Bank jidher jippreżenta donazzjoni lil Gabriel Pullicino (RIP) dak iż-żmien segretarju b'riżq l-istatwa l-ġdida ta' San Gabriel fil-preżenza ta' Laurence Scicluna, Noel Vella, Giuseppi Calleja (RIP) u Alfred Muscat, Viċi President.*